**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2018**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 120/2018**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 363/2018 datata l-1 ta' Frar 2018**
**fl-ismijiet**
**Dr Ann Fenech mandatarja u ghan-nom u in rapprezentanza**
**tal-bank Credit Suisse AG inkorporat gewwa l-Isvizzera**

**vs**

**Pal Shipping Trader Two Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Pal Shipping Trader Two Co Limited tal-14 ta' Frar, 2018 sabiex din il-Qorti tirtira l-ordni Ewropew ta' infurzar mahrug ai termini tal-Regolament Ewropew 805/2004 kif emendat bir-Regolament 1869/2005 mahrug favur il-bank esteru Credit Suisse Ag fis-6 ta' Frar 2018;

Rat ir-risposta tal-bank Credit Suise li oppona ghal din it-talba ghal diversi ragunijiet;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri.

**Ikkunsidrat**

Il-mertu tal-vertenza jidher li hu s-segwenti. Il-bank kreditur dahal f'kuntratt ta' self mas-socjeta rikorrenti fit-18 ta' Settembru 2007 kif emendat fit-12 ta' Dicembru 2008

u 12 ta' Gunju 2009 fejn id-debitur obbliga ruhu li jhallas lura s-self skond il-kondizzjonijiet miftehma. Fit-18 ta' Settembru 2007 giet registrata ipoteka navali fuq il-bastiment Malti Massali (IMO9435313) proprjeta tas-socjeta rikorrenti in kwatela tal-obbligi tal-istess socjeta rikorrenti qua debitur. Jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet inadempjenti fil-hlasijiet lura tal-ammonti rateali hekk kif kienu dovuti kif ukoll nuqqas ta' hlas tal-ammont kapitali hekk kif kien dovut fid-data stipulata. Is-socjeta rikorrenti giet avzata bid-default permezz ta' notice of default datat 27 ta' Settembru 2017 u stante li baqghet inadempenti regghet giet avzata biex thallas dak kollu dovut b'ittra tal-20 ta' Dicembru 2017. Dan kollu hu konfermat permezz tal-affidavit ta' Dr Clemens Hillmer li zied li sad-19 ta' Jannar 2018 kienet dovuta s-somma ta' USD7,767,549.412 f'kapital u imghax. Sadattant jirrizulta illi l-vapur proprjeta tas-socjeta debitrici jinsab arrestat fl-Estonja, stat membru tal-Unjoni Ewropea.

Il-bank kreditur, ai termini tal-artikolu 42 et seq. tal-Kap. 234 u l-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta irrendiet l-ipoteka navali favuriha cioe titolu ezekuttiv ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali numru 363/2018 tal-1 ta' Frar 2018 notifikata lis-socjeta debitrici fl-istess jum, u dan billi l-obbligazzjoni kienet tikkonsisti fi hlas lura ta' debitu, cert, likwidu u dovut.

Il-Qorti tirreleva illi s-socjeta debitrici fl-ebda hin, almenu mill-atti esebiti, ma ikkontestaw xejn minn dak fuq rilevat.

Fis-6 ta' Frar 2018 il-bank kreditur talab lil Qorti sabiex ai termini tar-Regolament 805/2004 kif emendat, jinhareg favur taghha certifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar, liema talba gie akkordata mill-Qorti fl-istess jum. Il-Qorti taghmel parentesi zghira billi tqis illi dan ir-regolament introduca fis-sistema Ewropea mod spedit ta' rikonoxximent awtomatiku ta' titolu ezekuttiv mahrug minn stat membru tal-Unjoni Ewropea applikabbli fl-istati kollha membri tal-istess Unjoni, bla ebda bzonn ta' xi rikonoxximent ulterjuri mill-istat membru fejn it-titolu jkun ser jigi ezegwit.

Is-socjeta debitrici, dejjem skond ma jiddisponi l-istess regolament ipprezentat ir-rikors odjern biex din il-Qorti tirrevoka d-digriet taghha. Is-scjeta debitirici qed tallega li:

1. 'it-talba' tal-bank kreditur ma taqax taht id-definizzjoni ta' 'talba' kif irid l-artikolu 4(2) tar-regolament billi s-somma specifika ta' flus dovuta u d-data ma jirrizultawx testwalment mill-ipoteka;
2. il-bank kreditur naqas li jipprezenta 'books of account' u/jew 'certificate issued by it as to any amount payable by the mortgagor to the morgagee' kif kienet tenuta taghmel skond l-ipoteka;
3. in vista tal-ewwel zewg aggravji, ma jirrizultax li 't-talba' hi 'uncontested' kif irid l-artikolu 3(1)(d) tar-regolament.

**Aggravji mehudin flimkien**

L-artikoli rilevanti ghal rizoluzzjoni ta' dawn l-aggravji huma s-segwenti:

Artikolu 3(1) jighd:

> This regulation shall apply to judgments, court settlements and authentic instruments on uncontested claims.

Artikolu 3(1)(b) u (d) izidu:

> A claim is uncontested if
> (b) The debtor has never objected to it ... in the course of court proceedings.
>
> (d) The debtor has expressly agreed to it in an authentic instrument.

Ir-regolament jispjega x'ifissru 'claim' u 'authentic instrument'.

Artikolu 4(2) jghid:

> Claim ifisser 'a claim for payment of a specific sum of money that has fallen due or for which the due date is indicated in the judgment, court settlement or authentic instrument'
>
> Authentic instrument ifisser 'a document which has been formally drawn up or registered as an authentic instrument and the authenticity of which (i) relates to the signature and the content of the instrument and (ii) has been established by public authority or other authority empowered for that purpose by the Member State in which it originates'.

Harsa lejn dawn l-artikoli mehuda flimkien, din il-Qorti tqis li l-aggravju tas-socjeta debitrici ma ghandhiex mis-sewwa. It-tifsira ta' 'claim' tinkludi kemm talba ta' somma specifika dovuta <u>jew</u> fejn id-data ta' meta s-somma hi dovuta tirrizulta minn sentenza, ftehim milhuq f'proceduri gudizjarji, jew authentic instrument. Kwindi l-argument tas-socjeta debitrici ma jreggix li s-somma dovuta u d-data ta' meta hi dovuta jridu

jirrizultaw mill-ipoteka. Bhala parentesi, qed jittiehed skontat ghax ma hemmx dubju dwarha illi l-ipoteka navali tikkostitwixxi 'authentic instrument' ai termini tar-regolament billi jaqa' precis fid-definizzjoni tar-regolament u ma ingiebet ebda lment dwar l-awtenticita tal-istess ipoteka registrata fir-registru mekantili Malti. Il-Qorti tqis illi l-ipoteka hi l-garanzija jew is-sigurta li jikkostitwixxi l-authentic instrument filwaqt li l-claim hi haga distinta li r-regolament ma jimponi ebda element essenzjali ghaliha hlief li trid tirrizulta bhala wahda monetarja u li hi dovuta qua debitu cert, likwidu u dovut. Dan jirrizulta fil-fehma tal-Qorti mill-istrumenti tal-kostituzzjoni tad-debitu tal-2007 kif emendati u li jirrizultaw bhala l-bazi tal-ipoteka navali mill-istess dicitura tal-ipoteka li giet reza ezekuttiva ghax naxxenti minn debitu ta' somma specifika u dovuta. L-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 hi procedura fil-ligi taghna biex tirrendi debitu ta' somma likwidata dovuta qua titolu ezekuttiv naxxenti f'dan il-kaz minn ipoteka navali li hu titolu ezekuttiv bil-ligi bhala wiehed ezegwibbli.

Madankollu s-socjeta debitrici qed tallega illi ma hemmx l-element pruvat ta' 'uncontested claim' kif irid l-artikolu 3(1)(d) tar-regolament cioe li biex l-ordni Ewropew jinhareg it-talba trid tirrizulta mhux kostestata u jsostni li s-subinciz (d) jezigi li d-debitur irid ikun irrikonoxxa l-inkostestabilita tat-talba mill-'authentic instrument' stess cioe l-ipoteka infisha u dan ma jirrizultax. Din il-Qorti tqis illi d-dicitura tal-ipoteka li tirrizulta mill-atti bhala Exhibit 2 issemmi kull somma li tista' tkun dovuta mid-debitu, ai termini tal-ftehim ta' self liema somma tista' tigi accertata b'referenza mill-istess ftehim u/jew mill-books of accounts u/jew minn certifikat mahrug mill-kreditur bhala dovut lilu u li salv zball lampanti jkun konklussiv u jorbot lid-debitur illi d-debitu reklamat hu cert u likwidu. Il-Qorti tqis illi d-dicitura tal-ipoteka tissodisfa dak li jrid l-artikolu 3(1)(d) billi s-somma dovuta setghet tigi accertata mill-istes ftehim u dwar dan il-bank kreditur baghat diversi ittri lid-debitur biex jinfurmah bis-somom dovuti bl-imghax (ara ittra 23 ta' Dicembru 2016 Exhibit 8, ittra tal-31 ta' Marzu 2017 Exhibit 9, addendum tal-loan aggrement innifsu fejn gie relamat id-default u skadenzi godda riveduti tal-pagamenti rateali arretrati Exhibit 6, u ittra tal-20 ta' Dicembru 2017 fejn id-debitur gie infurmat bid-debitu dovut u l-imghaxijiet dekorsi u talba ghal pagament immedjat). Ma hemm ebda negazzjoni jew cahda jew kontenzjoni ghat-talbiet maghmula mill-kreditur da parti tad-debitur meta jitqies li ghaddew diversi xhur qabel mal-bank kreditur mexxa biex jirrendi l-ipoteka navali

qua titolu ezekuttiv, ezegwibbli skont il-ligi. In oltre l-Qorti tqis illi l-ipoteka issemmi wkoll li l-ammont seta' jirrizulta minn certifikat mahrug mill-kreditur. Ma hemm ebda definizzjoni ta' certifikat u l-Qorti tqis illi l-ittra tal-kreditur tal-20 ta' Dicembru 2017 tikkostitwixxi certfikat dettaljat tal-ammont kollu dovut u kif dovut. Il-Qorti tqis ukoll illi is-skiet u l-inazzjoni tad-debitur anke wara l-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2018 notifikata lid-debitur hi ammissjoni ai termini tal-artikolu 3(1)(b) tar-regolament.

Is-socjeta debitrici tikkontendi illi l-bank naqas li jipprezenta books of accounts jew certifikati dwar l-ammont dovut mid-debitur kif issemmi l-ipoteka bhala kondizzjoni ghall-ezegwibilita tal-ipoteka. Il-Qorti gia qieset aktar il-fuq illi l-ipoteka kienet tipprospetta tlett modi ta' prova tad-debitu bl-uzu tal-kliem and/or cioe li d-debitu jirrizulta mill-ftehim, mill-books of account u minn certifikat, kollha alternattivament mhux kumulattivi. Il-Qorti gia qieset illi l-kreditur jista' jikkampa kemm mal-ftehim tas-self u/jew mac-'certificate' biex jitqies li issostisfa l-kundizzjonijiet tal-ipoteka.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta rikorrenti debitrici mhix misthoqqha u illi l-Ordni Ewroprew ta' Enforzar hareg regolament u ghalhekk qed tichad it-talba tas-socjeta Pal Shipping Trader Two Co Ltd, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur